MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 438/2010

**A B, f' isimha proprju**
**u f' isem binha minuri C B**
**vs**
**A B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ippremettiet: li hi tinsab mifruda minn zewgha l-intimat b' sentenza tat-28 ta' April 2009; li zewgha l-intimat la jmantni lil binhom C [ta' hames snin] u wisq anqas lill-esponenti, u qed ikollha tmexxi b' din il-kawza wara li nghatat il-permess mehtieg; ghalhekk qed titlob li din il-Qorti [1] tiffissa retta alimentarja xierqa ghal binhom minuri C B, u [2] tikkundanna lill-istess konvenut ihallas din ir-retta alimentarja hekk stabbilita; bl-ispejjez;

Rat li l-konvenut debitment notifikat ghazel li jibqa' kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavit prezentat;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qieghda titlob li din il-Qorti tiffissa retta alimentarja dovuta lilha mill-konvenut bhala manteniment ghall-minuri C li qieghed fil-kura u kustodja ta' l-attrici.

**Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta li permezz ta' sentenza moghtija minn din il-Qorti fit-28 ta' April 2009 gie, inter alia, affermat id-dritt ta' l-attrici li tippercepixxi manteniment minghand il-konvenut ghal binhom minuri C.

Illi fix-xhieda taghha l-attrici tghid li, anke matul il-konvivenza matrimonjali qasira, zewgha qatt ma hadem u dejjem ghex bl-assistenza socjali, u ghalhekk qatt ma ta manteniment lilha. Minn naha taghha, hi llum tahdem u tippercepixxi netti bejn €90 u €110 fix-xahar.

Illi l-Qorti tosserva li, kif abbracjat mill-gurisprudenza lokali, l-obbligu tal-genitur li jmantni l-wild tieghu, jew jikkontribwixxi ghall-manteniment tieghu, huwa wiehed assolut.

*Quantum*
[1] Illi f' dan il-kaz, stante li l-konvenut jghix fl-assistenza socjali, il-Qorti tordna li l-konvenut jikkontribwixxi ghall-manteniment ta' ibnu billi jhallas lill-attrici terz [1/3] minn kull assistenza socjali percepit minnu, u dan it-terz ghandu jinqata' direttament mill-assistenza socjali mensili dovut lilu u jintbaghat mid-dipartiment koncernat direttament lill-attrici fl-indirizz residenzjali taghha.

[2] Inoltre, il-Qorti tordna li fil-kaz li l-konvenut jibda jahdem, jew jieqaf milli jippercepixxi assistenza socjali, il-

manteniment tieghu ghal ibnu jkunu ta’ mija, sitta u tmenin ewro [€186] fix-xahar.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici, u tordna li l-konvenut jhallas lilha manteniment ghat-tifel C, sakemm dan jisir maggjorenni, skond kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘*Quantum’.*

Spejjez kollha a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------